MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 28/2009

**A B C**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**D C u**
**E F**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B C fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-esponent twieled fit-30 ta’ Gunju 1989 u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok. A).

Illi huwa gie registrat bhala wild missier mhux maghruf.

Illi pero' l-missier naturali ta' l-esponent huwa l-konvenut E F u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, jitlob l-esponent sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi l-attur huwa wild naturali tal-konvenut E F.

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid ta' l-attur billi, f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija, fejn hemm miktub "missier mhux maghruf" jitnizzlu d-dettalji tal-konvenut E F.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jintlaqghu jehtieg li r-rikorrent jispecifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali u cioe' ta' l-intimat E F. Inoltre, jekk it-talbiet jintlaqghu, ir-rikorrent ghandu jindika x'qed jitlob li ghandu jkun kunjomu.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern  ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat li l-konvenut E F, ghalkemm debitament notifikat, ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat li l-konvenuta, D C, li tat ruhha b'notifika fis-seduta quddiem il-Qorti datata 26 ta' Jannar, 2010 ukoll ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, l-attur, illum maggorenni, qed jitlob li c-certifikat tat-twelid tieghu jkun jirrispekkja dik li hija l-verita' u cioe' li l-konvenut E F huwa missieru.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-attur irnexxielu jipprova li fir-realta', E F huwa missieru. Huwa ressaq l-aqwa prova f'dan is-sens u cioe' l-ezamijiet xjentifici li gew konfermati bil-gurament mill-esperti in materja l-Ispizjara Marisa Cassar u Christopher Farrugia.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li l-istess attur huwa wild naturali ta' E F.

Tordna li fl-Att tat-Twelid Nru. 3043 tal-1989 jitnizzlu l-konnotati ta' E F bhala missier it-tifel.

Fl-istess att ghandu jigi mnizzel illi x-xoghol tal-istess missier huwa ta' mpjegat, imwieled Sliema, Malta, residenti San Gwann. Ghandu jitnizzel ukoll li n-nannu patern huwa G H F (haj).

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn E F.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------